MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2020

Referenza Kostituzzjonali Numru 72/2019 LM

**Il-Pulizija**

***vs.***

**Lawrence Attard**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Referenza Kostituzzjonali li saret mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fit-3 ta' Mejju, 2019, wara rikors imressaq minn **Lawrence Attard** (K.I. 15064G) (minn issa 'l quddiem "ir-referent") quddiem dik l-istess Qorti fl-4 ta' Marzu, 2019, fejn ir-referent issottometta dan li ġej:

> *Illi l-esponenti tressaq in konnessjoni ma' dawn il-proċeduri f'Novembru 1999 u ċioe aktar minn dsatax-il sena ilu. Illi b'sentenza mogħtija fl-1 ta' Lulju 2004 ossia ħmistax-il sena ilu circa, (kopja mehmuża) il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede*

*Kostituzzjonali) ġia kienet sabet li d-drittijiet kostituzzjonali tal-esponenti kienu ġew miksura f'dan il-proċess minħabba dewmien esaġerat;*

*Illi sfortunatament f'dik is-sentenza l-esponenti ma kienx ingħata rimedju għajr li l-atti reġgħu ġew mibgħuta lura lill-Qorti tal-Maġistrati biex dik il-Qorti tiddisponi mill-każ skont dik is-sentenza fejn kien instab dak iż-żmien li kien hemm leżjoni ta' dritt;*

*Illi l-esponenti jikkontendi li d-dewmien esaġerat f'dawn il-proċeduri jindikaw li l-Qrati li kellhom kompetenza bid-dovut rispett ftit li xejn imxew in sintonija mad-dettami mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali, anzi jekk xejn il-proċediment kien biex wieħed jgħid hekk diametrikament l-oppost ta' dak li dik il-Qorti kienet ordnat;*

*Illi għalhekk l-esponenti jikkontendi li għandha ssir referenza kostituzzjonali, sabiex stabbilit li l-esponenti sofra minn leżjoni ta' dritt in kwantu dak deċiż fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Lawrence Attard**' deċiża 1 ta' Lulju 2004, il-Qorti Ċivili Prim Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) tagħti rimedju issa xieraq fiċ-ċirkostanzi u dana wara trapass ta' erbatax-il sena mis-sentenza ċitata;*

*Illi għalhekk ir-riferenza għandha tkun tirrigwarda r-rimedju effettiv li għandu jingħata l-esponenti wara li kien ġie misjub li lill-esponenti saritlu leżjoni tad-dritt tiegħu hekk kif sanċit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

Rat ir-Referenza Kostituzzjonali li saret mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fit-3 ta' Mejju, 2019, fejn intqal illi:

*Il-Qorti, rat it-talba magħmula mill-appellant bir-rikors tiegħu tal-4 ta' Marzu 2019 permezz tal-verbal tas-seduta tas-6 ta' Lulju 2016 fejn talab li in segwitu għad-deċiżjoni mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tal-1 ta' Lulju 2004 issir referenza lill-istess Qorti sabiex jingħata issa rimedju xieraq minħabba d-dewmien esaġerat li ħadu l-proċeduri penali odjerni u dan wara trapass ta' erbatax-il sena mid-data ta' din id-deċiżjoni billi ġie deċiż illi l-appellant kien sofra leżjoni tal-jedd sanċit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.*

*Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali li oġġezzjona għat-talba tal-appellant billi qies l-istess hija frivola u vessatorja ġialadarba diġà kien hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar il-ksur tal-jedd tal-appellant għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli kif sanċit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Fil-fatt jisħaq illi l-appellant qed jitlob li jingħata rimedju xieraq billi fil-fehma tiegħu ma kienx ingħata rimedju bid-deċiżjoni surriferita. Jisħaq illi l-applikazzjoni tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni għandu jiġi applikat minn din il-Qorti*

*sabiex tiġi ssindikata vjolazzjoni o meno tad-drittijiet fondamentali tal-persuna akkużata u mhux sempliċiment biex huwa jingħata r-rimedju li deherlu li ma ngħatax erbatax-il sena ilu.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi f'każ ta' lanjanza kostituzzjonali, il-funzjoni ta' din il-Qorti hija waħda li għandha parametri stretti dettati mill-Kostituzzjoni stess. Infatti l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jgħid:*

*"jekk f'xi proċeduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) dik il-qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċiment frivola jew vessatorja."*

*Illi għalhekk il-Qorti ċertament f'dana l-istadju bl-ebda mod ma hija msejħa u lanqas hija kompetenti sabiex tiddeċiedi fil-mertu l-istess kwistjoni u trid tara biss jekk fl-opinjoni tagħha, it-talba magħmula mid-difiża sabiex issir referenza abbażi ta' dak premess hijiex waħda li tinvolvi kwistjoni li hi primarjament frivola jew vessatorja.*

*Illi f'sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet* ***Mifsud vs Avukat Ġenerali*** *ġie deċiż illi l-kliem frivoli jew vessatorji jfissru illi l-kwistjoni li tkun qamet hi irrilevanti proċeduralment fil-proċeduri li fihom tkun tqajmet. Fil-fatt il-kelma "frivola" ingħatat it-tifsira ta' "ebda preġju jew valur, vana, nieqsa mis-serjetà, manifestament nieqsa mis-sens u b'hekk ma għandhiex tingħata xi forma ta' attenzjoni jew konsiderazzjoni." In rigward "vessatorja" din tidher li tfisser "mingħajr raġunijiet suffiċjenti u bl-iskop li ddejjaq u tirrita lill-kontro-parti."*

*Ikkunsidrat,*

*Illi huwa indubitat illi l-mertu tal-lanjanza ventilata mill-appellant diġà ġiet iġġudikata f'sede kostituzzjonali tant illi lura fis-sena 2004 kien ġie deċiż illi l-proċeduri penali fil-konfront tal-appellant sa mis-sena 1999 kienu leżivi tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli. Fil-fatt dak li jitlob l-appellant mhuwiex daqstant illi jiġi deċiż mill-ġdid dina l-leżjoni iżda biss li jingħata rimedju effettiv stante illi r-rimedju li ngħata lura fis-sena 2004 ma ġiex applikat tant illi mhux biss il-proċeduri penali pendenti kontra tiegħu ma ġewx deċiżi minnufih iżda llum erbatax-il sena wara għadhom pendenti.*

*Illi l-appellant għandu raġun għaliex minn eżami tal-atti għandu joħroġ illi illum jeżistu ċirkostanzi kemmxejn differenti minn dawk li kienu jeżistu lura fis-sena 2004 meta ġie deċiż li l-appellant kien qed isofri leżjoni taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni*

*Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Dan għaliex il-Qorti ma tatx dak ir-rimedju effettiv lill-appellant tant illi l-kawża ġiet deċiża biss fil-5 ta' Novembru 2013 u ċioe disa' snin wara li l-Qorti Kostituzzjonali kienet ordnat li l-appellant jingħata r-rimedju ta' deċiżjoni f'qasir żmien, b'din il-Qorti imbagħad issib illi tali deċiżjoni kienet nulla billi ġew iċċitati fiha dispożizzjonijiet tal-liġi oħra li ma kellhomx x'jaqsmu mar-reati li dwarhom l-appellant ġie misjub ħati u kwindi ordnat is-smigħ mill-ġdid tal-każ issa kważi għoxrin sena wara.*

*Dan ifisser illi f'dawn iċ-ċirkostanzi ġodda, it-talba tal-appellant la hija waħda frivola u lanqas vessatorja tenut kont illi erbatax-il sena ilu kien diġà ġie deċiż illi kienet qed isseħħ leżjoni kif hawn fuq imfisser bil-Qorti tal-Maġistrati tingħata direzzjoni biex tkun spedita fil-prosegwiment tal-każ, ħaġa li finalment ma seħħitx.*

*Konklużjoni*

*Għalhekk il-Qorti, waqt li qed tirreferi għall-konsiderazzjonijiet kollha magħmula hawn fuq, sejra tirreferi din il-kwistjoni lill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha:*

*"Jekk l-appellat hux qed isofri minn xi vjolazzjoni taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta minħabba li huwa ma ngħatax smigħ xieraq fi żmien raġonevoli u dan kif dirett mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-deċiżjoni tagħha tal-1 ta' Lulju 2004, billi l-proċeduri penali kontra tiegħu għadhom ma ġewx definittivament konklużi llum kważi għoxrin sena wara."*

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali (minn issa 'l quddiem "ir-riferut") ppreżentata fis-27 ta' Settembru, 2019, fejn ġie eċċepit:

*Illi r-referenza kostituzzjonali tirrigwarda mistoqsija tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Malta) Sede Inferjuri dwar jekk l-akkużat Lawrence Attard hux qiegħed iġarrab leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni minħabba dewmien irraġonevoli fil-proċeduri fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Lawrence Attard**' u dan kif ġie deċiż mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-1 ta' Lulju 2004 billi l-proċeduri penali għadhom ma ġewx konklużi definittivament wara kważi għoxrin sena.*

1. *Illi preliminarjament peress li l-lanjanza tar-rikorrenti hija mibnija fuq allegata leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq naxxenti minn dewmien tal-proċeduri, l-esponenti jirrilevaw li r-rikorrent kien diġà talab referenza kostituzzjonali dwar*

*din il-kwistjoni fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Lawrence Attard*** *(referenza kostituzzjonali numru 33/2003/1 JRM) liema kawża hija llum res judicata u r-rikorrent għalhekk ma jistax jerġa' jipproponi l-istess ilment quddiem din l-Onorabbli Qorti;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu huwa paċifiku kif konstatat anke mill-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-fatturi li prinċipalment għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni sabiex jiġi determinat jekk is-smigħ ta' proċess eċċediex il-parametri tas-smigħ fi żmien raġonevoli huwa l-komplessità tal-każ, l-aġir tal-partijiet fil-kawża u l-aġir tal-awtorità jew l-awtoritajiet rilevanti – f'dan il-każ l-aġir ta' awtorità ġudizzjarja. Għalhekk, skont il-ġurisprudenza assodata kemm nostrali kif ukoll dik Ewropea, sabiex Qorti tasal għal konklużjoni dwar jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, il-proċedura ġudizzjarja mertu tal-allegazzjonijiet trid tkun eżaminata fl-assjem tagħha u ma jistax ikun eżaminat biss element jew parti waħda minn din il-proċedura.*

3. *Ma jidhirx li kien hemm xi nuqqas lampanti mill-partijiet involuti li wassal għal dewmien biex il-kawża tinstema' fi żmien raġonevoli u wisq inqas ma kien hemm nuqqas mill-esponenti.*

4. *Illi hu aċċettat illi ma hemm ebda 'time limit' li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proċeduri quddiemha għax altrimenti l-interessi tal-ġustizzja jiġu ppreġudikati minħabba għaġġla żejda u inkonsulta.*

5. *Illi sabiex din l-Onorabbli Qorti tkun tista' tikkonsidra b'mod serju t-talba tar-rikorrenti jrid jiġi ppruvat illi mhux biss il-każ dam pendenti iżda li tali dewmien huwa wieħed kapriċċuż u intiż biex jiżvantaġġahom fit-tgawdija tad-drittijiet tagħhom skont il-liġi.*

6. *Illi finalment sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm dewmien irraġonevoli, kull każ irid jiġi studjat fuq il-mertu tiegħu u fil-kumplessività tiegħu u fil-każ odjern l-esponent jeċċepixxi li mill-assjem tal-proċeduri kriminali in diżamina għalkemm il-każ qed jieħu numru ta' snin ma kienx hemm dewmien irraġonevoli.*

7. *Illi issa li l-kawża kriminali hija quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) dan ifisser li waslet fl-aħħar stadju tal-iter ġudizzjarju u allura hija proprju dik il-Qorti li għandha l-funzjoni li tassigura li l-kawża timxi b'mod spedit u tagħti ġudizzju definittiv fi żmien raġonevoli.*

8. *Illi għalhekk ma hemm l-ebda vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq.*

9. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat difensur tar-referent.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-18 ta' Novembru, 2019, fejn l-avukat difensur tar-riferut Avukat Ġenerali ngħata l-fakultà li jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub wara t-trattazzjoni tal-avukat difensur tar-referent, u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-riferut Avukat Ġenerali.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Ir-referenza kostituzzjonali odjerna saret mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) wara li r-referent ressaq talba permezz ta' rikors tal-4 ta' Marzu, 2019, fejn issottometta li fil-5 ta' Novembru, tal-1999 huwa kien tressaq bħala akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali b'rabta ma' reati kriminali, liema proċeduri penali għadhom ma ġewx konklużi definittivament. Ir-referent issottometta wkoll li permezz ta' sentenza mogħtija fl-1 ta' Lulju, 2004, il-Qorti Prim'Awla Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali, diversament preseduta, kienet diġà iddeċidiet li kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu minħabba dewmien esaġerat, u minkejja li din l-istess Qorti kienet ordnat li l-atti għandhom jintbagħtu lura lill-Qorti tal-Maġistrati sabiex il-proċeduri penali fil-konfront tar-referent jitkomplew quddiem dik il-Qorti, ma ngħata l-ebda rimedju effettiv ieħor

għall-ksur li ġarrab ir-referent. Ir-referent qiegħed jilmenta mill-ġdid għax minkejja li din il-Qorti, kif diversament preseduta, diġà ddeċidiet li kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu minħabba dewmien ħmistax-il sena ilu, il-proċeduri penali fil-konfront tiegħu għadhom ma ġewx finalment konklużi minkejja li issa waslu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri). Dan ifisser dewmien ta' aktar minn għoxrin sena biex il-proċeduri penali joqorbu lejn tmiemhom. Huwa fl-isfond tal-fatt li r-referent diġà kien kiseb pronunzjament minn din l-istess Qorti kif diversament preseduta, li l-jeddijiet fundamentali tiegħu kif protetti bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ġew miksura, li huwa ressaq rikors quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fejn talab li ssir referenza kostituzzjonali sabiex jingħata rimedju effettiv għall-ksur li diġà kien ġie stabbilit li huwa ġarrab.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ddeċidiet li tagħmel din ir-referenza kostituzzjonali in vista tal-fatt li d-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) li l-jeddijiet tar-referent għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli sfaw miksura, kienet ingħatat fl-1 ta' Lulju, 2004, il-proċeduri penali fil-konfront tiegħu baqgħu jitwalu, u sal-lum għad m'hemm l-ebda deċiżjoni finali f'dan ir-rigward. Fir-referenza kostituzzjonali tagħha, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) saħqet li dak li qiegħed jitlob ir-referent mhux li terġa' tingħata deċiżjoni mill-ġdid dwar il-ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu li r-referent qed jilmenta li sofra, iżda li jingħata rimedju effettiv, stante li l-proċeduri penali fil-konfront tar-referent ma ġewx deċiżi b'mod spedjenti, iżda għadhom ma ġewx konklużi wara għoxrin sena.

Fir-referenza tagħha lil din il-Qorti, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) qalet li l-kawża kriminali fil-konfront tar-referent kienet ġiet deċiża fil-5 ta' Novembru, 2013, disa' snin wara li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) kienet ikkonkludiet li kien hemm leżjoni tal-jeddijiet fundamentali tar-referent. Sussegwentement kien ġie deċiż li dik id-deċiżjoni fil-konfront tar-referent kienet nulla, billi ġew iċċitati dispożizzjonijiet tal-liġi li ma kellhom x'jaqsmu xejn mar-reati li kien akkużat bihom ir-referent, u għalhekk ġie ordnat li l-każ tar-referent jerġa' jinstema' mill-ġdid. Dan ifisser li l-proċeduri penali fil-konfront tar-referent għadhom ma ġewx definittivament konklużi għoxrin sena wara li nbdew, u din il-Qorti qiegħda tintalab tagħti lir-referent rimedju effettiv għal vjolazzjoni tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli.

L-Avukat Ġenerali min-naħa tiegħu eċċepixxa li t-talba tar-referent għal deċiżjoni dwar ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu diġà għaddiet in ġudikat, u r-referent ma jistax jerġa' jipproponi l-istess ilment quddiem din il-Qorti. Ġie eċċepit ukoll li ma kien hemm ebda nuqqas lampanti minn xi wieħed mill-partijiet sabiex il-kawża ma tinstemax fi żmien raġonevoli, u f'dan ir-rigward ma jistax jintqal li dan id-dewmien għandhom iwieġbu għalih il-Pulizija. Ġie eċċepit ukoll li l-proċeduri kriminali m'għandhom ebda *time-limit*, u għaġġla żejda u inkonsulta mhix mixtieqa f'dawn it-tip ta' proċeduri. Intqal ukoll li ladarba l-proċeduri waslu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), dan ifisser li l-kawża waslet fl-aħħar tal-*iter* ġudizzjarju tagħha, u f'dan l-istadju hija dik il-Qorti li għandha tassigura li l-kawża timxi b'mod spedit u li l-ġudizzju jingħata fi żmien raġonevoli.

**Provi u riżultanzi**

Il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-proċessi li ġew allegati mal-atti tal-proċeduri odjerni rigward il-proċeduri penali li ttieħdu fil-konfront tar-referent Lawrence Attard, li kien ġie akkużat li fil-lejl ta' bejn l-1 u t-2 ta' Ottubru, 1999 u fl-aħħar xhur qabel dik id-data, huwa forna jew ipprokura jew offra li jforni jew jipprokura d-droga eroina lil persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna mingħajr ma kellu liċenzja għal dan, bi ksur tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta; li kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza u meta ma kellu l-ebda liċenzja biex jimmanifattura jew iforni l-istess droga; talli b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tiegħu, ikkaġuna l-mewt ta' ċerta Therese Agius, u li hu reċidiv. F'sentenza mogħtija fil-5 ta' Novembru, 2013, il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġurisdizzjoni Kriminali kienet sabet lil Lawrence Attard ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu, u kkundannatu għal piena ta' sitt snin priġunerija u għal multa ta' għaxart elef Euro (€10,000).

Il-Qorti rat ukoll ir-rikors tal-appell li r-referent kien ressaq quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, fejn fost affarijiet oħra talab għal mitigazzjoni fil-piena minħabba d-dewmien fil-proċeduri. Qieset ukoll li l-Qorti tal-Appell Kriminali permezz ta' deċiżjoni li ngħatat fis-27 ta' Frar, 2019 iddeċidiet li s-sentenza mogħtija fil-5 ta' Novembru, 2013 fil-konfront tar-referent kienet nulla billi ġew iċċitati dispożizzjonijiet tal-liġi li ma kellhom x'jaqsmu xejn mar-reati li kien akkużat bihom ir-referent, u għalhekk ġie ordnat li l-każ tar-referent jerġa' jinstema' mill-ġdid.

Mill-atti tal-proċeduri penali li ġew allegati mal-atti ta' din il-kawża, tirriżulta stampa sħiħa tal-proċess kriminali li ttieħed fil-konfront tar-referent u dan il-proċess x'kien jinvolvi sakemm il-Qorti tal-Appell Kriminali waslet għad-deċiżjoni tagħha li tagħmel ir-referenza kostituzzjonali.

**Konsiderazzjonijiet legali**

Il-Qorti ħadet konjizzjoni tat-talbiet tar-referent, tar-referenza kostituzzjonali li saret lilha mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), flimkien mal-eċċezzjonijiet imressqa mir-riferut Avukat Ġenerali, u tal-provi mressqa fil-kawża, partikolarment l-atti tal-proċeduri penali li ttieħdu fil-konfront tar-referent. Minn apprezzament tal-proċessi allegati mal-atti ta' dawn il-proċeduri, jirriżulta li sabiex ingħatat id-deċiżjoni tal-5 ta' Novembru, 2013 mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-konfront ta' Lawrence Attard, kien hemm il-ħtieġa li jinstemgħu diversi xhieda, kemm minħabba n-natura tar-reati li kien akkużat bihom ir-referent, kif ukoll għaliex kien hemm l-involviment ta' terzi, kellhom jitqabbdu għadd ta' esperti, kif ukoll kien hemm il-ħtieġa li jittieħdu fiżikament għadd ta' kampjuni barra minn Malta sabiex jiġu analizzati. Evidentement il-proċeduri penali inkwistjoni kienu kumplessi u kienu jirrikjedu ammont sostanzjali ta' żmien sabiex jiġu deċiżi. Hija u tgħid dan, il-Qorti fl-istess ħin tirrikonoxxi li anki quddiem dawn iċ-ċirkostanzi, tul ta' żmien ta' aktar minn għoxrin sena sabiex tiġi determinata kawża, huwa tul ta' żmien mhux raġonevoli u esaġerat. F'dan l-istadju irid jiġi enfasizzat ukoll li filwaqt li l-Qorti qiegħda tintalab tippronunzja ruħha dwar it-tul ta' żmien li ħadu l-imsemmija proċeduri penali, ir-referent qiegħed jitlob li jingħata rimedju effettiv għal-leżjoni sofferta minnu, partikolarment in vista

tal-fatt li fl-1 ta' Lulju, 2004 kien diġà ġie deċiż minn din il-Qorti diversament preseduta, li r-referent sofra leżjoni tal-jeddijiet fundamentali tiegħu minħabba d-dewmien fil-proċeduri. Minn dakinhar sal-lum għaddew aktar minn ħmistax-il sena, u s-sitwazzjoni tar-referent baqgħet l-istess, bil-proċeduri penali fil-konfront tiegħu li għadhom mhumiex finalment konklużi.

Ir-riferut Avukat Ġenerali ressaq l-eċċezzjoni li t-talba tar-referent sabiex jiġi dikjarat li huwa sofra leżjoni tal-jeddijiet fundamentali tiegħu, diġà ġiet indirizzata bid-deċiżjoni li ngħatat fl-1 ta' Lulju, 2004 meta din il-Qorti kif diversament preseduta, kienet iddeċidiet li l-jedd fundamentali tar-referent għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli safa miksur minħabba d-dewmien fil-proċeduri. Il-Qorti tirrileva li minn dakinhar li ngħatat dik id-deċiżjoni sal-lum, għaddew ħmistax-il sena, li matulhom iċ-ċirkostanzi tar-referent mhux talli baqgħu l-istess bil-proċeduri penali fil-konfront tiegħu jibqgħu mhux konklużi, talli s-sitwazzjoni tiegħu sfat aggravata peress li bil-passaġġ taż-żmien kien hemm xhieda li laħqu mietu, oħrajn li nsew il-fatti kif seħħew, u aktar ma jipperduraw il-proċeduri penali, aktar ir-referent ser jibqa' fi stat ta' inċertezza u ansjetà, partikolarment meta hu qiegħed jiffaċċja l-possibilità ta' telf tal-libertà tiegħu għal żmien indeterminat. Dan kollu qiegħed jippreġudika aktar lir-referent, u ċertament li ma jistax jintqal li għax ilment dwar tul ta' żmien esaġerat ġie deċiż aktar minn ħmistax-il sena ilu, ir-referent ma jistax jerġa' jressaq l-istess ilment meta fir-realtà ma nbidel xejn għalih ħlief li l-proċeduri penali tkomplew u wara aktar minn għoxrin sena dawn għadhom ma ġewx konklużi. Il-Qorti tirrileva li għandu raġun ir-referent jgħid li f'dan l-istadju l-pretensjoni tiegħu mhix sabiex ikun hemm eżerċizzju akkademiku fejn jiġi mistħarreġ l-ilment tiegħu u jiġi dikjarat li hemm leżjoni tal-jeddijiet

fundamentali tiegħu, iżda qiegħed jistenna li jingħata rimedju konkret u aktar effettiv minn hekk.

F'dan il-kuntest il-Qorti tqis li jkun ta' siwi li tiċċita, anki jekk estensivament, minn dak li kienet qalet il-Qorti Kostituzzjonali f'deċiżjoni b'mertu simili għal dak odjern, fl-ismijiet **John Bugeja *vs.* Avukat Ġenerali et**[1], fejn persuna li kienet qiegħda tiffaċċja proċeduri penali, ilmentat minħabba d-dewmien esaġerat biex tali proċeduri ġew fi tmiemhom, u l-Qorti Kostituzzjonali tat rimedju li qieset li kien adegwat fiċ-ċirkostanzi:

> "18. Id-dritt fundamentali tal-individwu li jkollu l-kawża tiegħu mismugħa u finalizzata għeluq iż-żmien raġonevoli, jimponi tassattivament fuq l-Istat, li jrid josserva s-Saltna tad-Dritt, l-obbligu li jkollu fis-seħħ sistema effiċjenti t'amministrazzjoni tal-ġustizzja. Il-ġudikatura tifforma t-tielet kolonna li fuqha hu mibni l-Istat. Fis-sistema tagħna, huma ż-żewġ kolonni l-oħra tal-Istat ċioe l-eżekuttiv u l-leġislattiv, li għandhom obbligu li jipprovdu r-riżorsi, l-istrutturi u l-għodod l-oħra kollha neċessarji biex il-Qrati jkunu f'pożizzjoni li jwettqu ġustizzja fi żmien raġonevoli.
>
> 19. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dejjem għallmet li l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni:
>
> *"... imposes on the Contracting State the duty to organise their juridical system in such a way that the Courts can meet the requirements of this provision **Salesi vs Italy** (26/02/1993). It wishes to reaffirm the importance of administering justice without delays which might prejudice its effectiveness and credibility **Katte Klitsche de la Grange vs Italy** (27/10/1994) – (ara A.P. vs Italy 28/07/1999 Application 35265/97 – para. 18)."*
>
> 20. Biex wieħed jasal għal deċiżjoni jekk kawża nqatgħetx fi żmien raġonevoli jew le, wieħed irid iqis il-fattispeċi u ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, fosthom, "*the complexity of the case, and ... the conduct of both the applicant and the competent authorities (**Buccholz vs Germany** 06/05/1981 para. 49),* kif ukoll "*the importance of what was at stake for the applicant in the litigation" (**Gast & Popp vs Germany** 25/02/2000 para. 70).*

[1] 11.08.2003.

> 22. M'hemm l-ebda ħtieġa li jiġu ripetuti f'din is-sentenza il-fatti li ġraw matul iż-żmien kollu li l-proċeduri kontra l-appellat damu pendenti, bl-iskop biex jiġi determinat jekk dawn il-proċeduri kriminali ngħalqux fi żmien raġonevoli jew le .... Ċertament, perijodu ta' kważi dsatax-il sena biex kawża kriminali tiġi konkluża huwa żmien, *ictu oculi* huwa inordinatament wisq eċċessiv. Il-fatt li l-kawża kienet tippreżenta ċerta kumplessità minħabba li kien fiha diversi imputati u minħabba li kienet tirrigwarda diversi reati pjuttost serji, il-fatt li l-imputat seta' kkontribwixxi xi ftit ukoll għad-dewmien, il-fatt li l-istess appellat ma ppruvax jissalvagwardja fi stadju aktar bikri tal-proċeduri penali, dawn id-drittijiet kostituzzjonali tiegħu – dawn huma kollha ċirkostanzi u fatti relevanti għad-determinazzjoni jekk id-dewmien kienx wieħed raġonevoli jew le, jew jekk l-appellat kienx ukoll, xi ftit jew wisq, responsabbli għalih. Però, jidher ċar li dawn il-fatturi li ssemmew, fit li xejn jistgħu jtaffu r-responsabbilità tal-istat fil-każ odjern billi effettivament irriżulta li l-Istat naqas li jipprovdi lill-appellat bi smigħ u determinazzjoni tal-kawża kriminali tiegħu, għeluq iż-żmien raġonevoli ...".

Is-sentenza suċċitata tagħmel riferiment għal każ fejn persuna li ffaċċjat proċeduri penali minħabba diversi reati, ressqet lanjanzi ta' natura kostituzzjonali minħabba dewmien, u l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) kienet ikkonkludiet li d-dewmien fil-proċeduri kien jammonta għal ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) kienet saħqet li r-rimedju li għandu jingħata individwu li jinstab li qiegħed isofri minn leżjoni tal-jeddijiet fundamentali tiegħu, irid ikun wieħed effettiv u effikaċi, u qieset li sempliċi dikjarazzjoni li r-referent sofra leżjoni tal-jeddijiet tiegħu, jew l-impożizzjoni fuq l-Istat tal-ħlas ta' danni lill-individwu ma kinux rimedji suffiċjenti. F'dak il-każ il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) ordnat li r-referent kellu jinħeles mill-piena karċerarja li kien qiegħed jiskonta u jingħata l-libertà. Minn din id-deċiżjoni tressaq appell mill-Avukat Ġenerali quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, li ma qablitx mar-rimedju li ngħata mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) għall-ksur lamentat mir-referent. Fl-imsemmija sentenza l-

Qorti Kostituzzjonali għamlet riferiment għal insenjamenti tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, bħad-deċizjoni fl-ismijiet **Giancarlo Lombardo *vs.* Italy**[2] fejn il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem waslet għall-konklużjoni li kien hemm dewmien esaġerat sabiex proċeduri penali ġew fi tmiemhom, iżda qieset li dikjarazzjoni f'dan is-sens kienet rimedju suffiċjenti fiċ-ċirkostanzi. Il-Qorti Kostituzzjonali għamlet riferiment ukoll għal sentenzi fejn il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem illikwidat danni favur ir-rikorrent, u qalet li fl-istanzi fejn kien hemm likwidazzjoni ta' danni, dan kien fejn il-Qorti ddikjarat li kien hemm ksur ta' drittijiet fundamentali oħra, apparti il-leżjoni tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli.[3]

Il-Qorti Kostituzzjonali kompliet tispjega illi:

> "Fejn si tratta ta' materja tad-drittijiet intrinsiċi u fundamentali tal-bniedem kemm il-Kostituzzjoni kif ukoll l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea jitkellmu ċar. Il-Qorti għandha tagħti kwalsiasi ordni jew direttiva sabiex tassigura li l-parti leża tottjeni rimedju verament effikaċi, adegwat u effettiv. Dwar dan m'hemmx għalfejn li jsiru riċerki kbar. Minn sempliċi qari tal-Kostituzzjoni u tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea dan jemerġi b'mod kristallin. Inoltre anqas qatt ma jidher li tali interpretazzjoni ġiet b'xi mod attakkata. Għaldaqstant legalment ma hemm xejn x'wieħed jissindika għal dak li jikkonċerna l-parametri tar-rimedju li jista' jingħata mill-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali. Kieku kien mod ieħor l-ogħla organi ġudizzjarji tar-Repubblika jkunu qegħdin hemm biss għall-isem.
>
> ...
>
> 28. Il-leġislatur ikkonferixxa poteri mill-aktar wiesgħa fuq dawn il-Qrati eżattament biex huma jkunu jistgħu jassiguraw it-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u biex ikunu f'pożizzjoni li jilqgħu u jagħmlu tajjeb adegwatament għal kull ksur tal-istess Drittijiet u Libertajiet. Poteri dawn, li saħansitra jinkludu s-setgħa li l-Qorti tannulla sentenza ta' Qorti ta' Ġudikatura Kriminali meta tkun teżisti raġuni kostituzzjonali daqstant gravi u impellenti biex dan

[2] 26.11.1982.

[3] Il-Qorti għamlet riferiment għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Allenet de Ribemont *vs.* France** (deċiża 10.02.1995) fejn il-Qorti Ewropea kkonkludiet illi kien hemm ksur tal-preżunzjoni tal-innoċenza, apparti li kien hemm dewmien esaġerat, u kien għalhekk li ġew likwidati d-danni.

ikun jista' raġonevolment isir, proprju kif ġara fil-kawża **John Saliba *vs* Avukat Ġenerali**, deċiża minn din il-Qorti fis-6 ta' Lulju 1998. Iżda, aktar ma tkun wiesgħa s-setgħa u d-diskrezzjoni konferita, aktar tkun meħtieġa prudenza u għaqal fl-użu u l-eżerċizzju tal-istess setgħa u diskrezzjoni. Din il-Qorti hija ġeluża li tissalvagwardja kif imiss dawn is-setgħat tant estensivi konferiti fuqha għaliex huwa biss b'dawn l-għodod li hija tkun tista' tħares kif imiss u tassigura t-twettiq tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem naxxenti mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni. Mhemmx għalfejn jiġi ribadit, li hu għalhekk meħtieġ li fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tagħha l-Qorti tara li jinżamm bilanċ xieraq u ġust bejn, fuq naħa l-waħda d-drittijiet tal-persuna li tfittex il-ħarsien tal-Qorti u fuq in-naħa l-oħra, id-drittijiet ta' persuni oħra li jistgħu jkunu involuti fil-każ, apparti wkoll id-drittijiet tas-soċjetà in ġenerali, li din il-Qorti għandha d-dover li tittutela.

29. Meta din il-Qorti applikat dawn il-kriterji ta' indole ġenerali għall-każ odjern, waslet għall-konklużjoni li r-rimedju provdut mill-Ewwel Qorti kien wieħed eċċessivament liberali fil-konfront tad-drittijiet tal-appellat, daqskemm kien sħiħ mad-drittijiet tal-persuni li sfaw vittma tar-reati kommessi mill-appellat u mad-drittijiet tas-soċjetà in ġenerali.

30. Din il-Qorti jidhrilha li l-inkonvenjent u l-ansjetà li l-appellat kellu jgħaddi minnhom minħabba t-tul eċċessiv tal-proċeduri kriminali ma kinux tali li jistgħu qatt jiġġustifikaw li huwa jkun eżentat milli jkompli jiskonta l-piena karċerarja leġittimament inflitta fuqu mill-Qorti kompetenti bis-sentenza li għalqet il-proċess penali kontrih. Dan għaliex l-ansjetà li l-appellat sofra minħabba d-dewmien fl-għeluq tal-istess proċeduri, ma jikkomparawx mal-inkonvenjent serjissimu derivanti minn piena karċerarja għal numru sinifikanti ta' snin, inflitta fuq l-appellat bħala retribuzzjoni għar-reati serji li huwa wettaq b'dannu għal persuni partikolari u b'dannu għas-soċjetà in ġenerali. Naturalment, il-Qorti tapprezza li dawn il-kunċetti ta' tbatija u ansjetà diffiċilment jistgħu jiġu kwantifikati, iżda jidher li hu paċifiku, li t-tbatija li titnissel min-nuqqas ta' libertà personali hija waħda t'indoli u severità partikolari.

31. Din il-Qorti jidhrilha li l-Ewwel Qorti naqset li tagħti piż mistħoqq lis-sofferenzi u t-tbatija li għaddew minnhom numru konsiderevoli ta' persuni li sfaw vittma ta' reati serji mwettqa mill-appellat. Ċertament, dawn il-vittmi ma jixirqilhomx li wara tant snin jistennew li ssir ġustizzja magħhom, issa jiġu metaforikament "misruqa" mis-sens ta' retribuzzjoni mogħti ġustament lilhom bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Lanqas ma wieħed jista' jinjora l-aspettattivi ġusti tas-soċjetà in ġenerali, li tiġi perturbata meta t-twettiq ta' reati serji, jitħallew jgħaddu impunement."

Din il-Qorti taqbel ma' din il-linja ta' ħsieb. Fil-każ odjern, huwa minnu li l-proċeduri twalu u minkejja l-passaġġ ta' daqstant snin, il-proċeduri penali fil-konfront tar-referent għadhom ma ġewx fi tmiemhom in vista tal-fatt li s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ġiet annullata. Il-Qorti trid tara li jinstab bilanċ bejn min-naħa l-waħda l-jeddijiet tar-referent, li għandu dritt ikompli b'ħajtu partikolarment jekk hemm indizji ċari li dan irriforma ruħu, u min-naħa l-oħra d-drittijiet tas-soċjetà in ġenerali li ma tridx li fi ħdanha jkun hemm imġiba mhux desiderata li ma tiġix punita. Naturalment dan qiegħed jintqal fl-isfond tal-akkużi li qiegħed jiffaċċja r-referent, u b'għarfien sħiħ tal-fatt li r-referent qiegħed jiċħad li hu b'xi mod ħati għall-akkużi miġjuba kontrih. Il-Qorti kkunsidrat ir-reati li ġie akkużat bihom ir-referent, li jinkludu t-traffikar tad-droga u l-omiċidju involontarju ta' persuna, u għalhekk aktar tħoss fuqha r-responsabbilità li dan il-bilanċ bejn il-jeddijiet tal-individwu u dawk tas-soċjetà in ġenerali, jintlaħaq. Għandu jiġi enfasizzat li din il-Qorti bl-ebda mod mhija qiegħda tippronunzja ruħha dwar x'għandu jkun l-eżitu tal-proċeduri penali fil-konfront tar-referent, u l-analiżi li trid tagħmel hija waħda limitata għal dak li ntalbet tiddeċiedi dwaru skont it-termini tar-referenza kostituzzjonali li ntbagħtet quddiemha. Fis-sentenza suċċitata l-Qorti Kostituzzjonali kompliet tgħid:

> "38. F'kawżi dwar dewmien, ġieli jinstab li s-sempliċi dikjarazzjoni tal-Qorti li ġie leż dritt fundamentali, tkun rimedju li joffri sodisfazzjon suffiċjenti għall-vittma tal-istess vjolazzjoni. Din il-Qorti jidhrilha li dan ir-rimedju ma jgħoddx għall-każ odjern billi l-vjolazzjoni ma kinitx waħda ta' natura marġinali, iżda d-dewmien inġustifikat kien ikopri perijodu eċċessivament twil u irraġonevoli. Fil-fehma konsiderata tal-Qorti, is-sempliċi dikjarazzjoni tal-Qorti li sabet vjolazzjoni ta' dritt fundamentali sanċit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma joffru ebda sodisfazzjon ġust għall-inċertezza u għall-ansjetà li l-appellat kien kostrett li jgħaddi minnhom minħabba d-dewmien tal-għeluq tal-imsemmija proċeduri kriminali.

> 39. Rimedju effettiv u effikaċi kien ikun wieħed li jassigura lill-appellat "*restitutio in integrum*" fid-drittijiet tiegħu. Dan ir-rimedju huwa impossibbli li jingħata għaliex il-Qorti ma tistax treġġa' l-arloġġ lura. L-uniku rimedju li hu disponibbli għall-Qorti li bih tista' ttaffi l-ansjetà li ġab miegħu t-tul inġustifikat tal-proċeduri kriminali huwa dak tal-kompensazzjoni bi flus."

Il-Qorti tqis li d-dewmien soffert mir-referent kien wieħed twil u eċċessiv, u l-leżjoni sofferta minnu kienet iktar gravuża minħabba li lura fl-2004, diġà kien hemm deċiżjoni minn din il-Qorti kif diversament preseduta li d-dewmien fil-proċeduri kien jammonta għal ksur tal-jeddijiet fundamentali tar-referent. Tqis ukoll li l-fatt li l-proċeduri li għadhom ma ġewx konklużi finalment fil-konfront tar-referent huma ta' natura penali, bilfors li nisslu fih ansjetà minħabba fil-biżgħa li dan jista' jitlef il-libertà personali tiegħu, u li dan l-istat ta' inċertezza aktarx li kkawża wkoll sens ta' frustrazzjoni, qtigħ il-qalb u tbatija kemm għar-referent kif ukoll għall-persuni l-aktar viċin tiegħu. Barra minn hekk id-dewmien kompla jikber ukoll għaliex is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-konfront tar-referent ġiet dikjarata nulla peress li fil-parti deċiżiva tagħha ġew iċċitati dispożizzjonijiet tal-liġi li ma kellhom x'jaqsmu xejn mar-reati li dwarhom ġie misjub ħati r-referent. Dawn il-fatturi kollha jagħmlu l-ksur tal-jeddijiet fundamentali li qiegħed isofri r-referent aktar gravuż, u wieħed li għalih il-Qorti tqis li għandu jkun hemm kumpens għad-danni morali sofferti minnu.

In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti tqis li l-kumpens monetarju li għandu jitħallas lir-referent bħala kumpens għad-danni morali sofferti minnu minħabba vjolazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni għandu jkun fis-somma ta' għaxart elef Euro (€10,000).

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet tar-riferut Avukat Ġenerali;**

2. **Tiddikjara li l-fatt li lura fl-1 ta' Lulju, 2004, diġà kien ingħata pronunzjament minn din il-Qorti kif diversament preseduta, li l-jeddijiet fundamentali tar-referent, partikolarment dawk protetti bis-saħħa tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bis-saħħa tal-artikolu 6 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, sfaw miksura, mhu tal-ebda ostakolu għal din ir-referenza kostituzzjonali;**

3. **Tiddikjara għal darb'oħra li l-jedd tar-referent għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli ġie miksur in vista tad-dewmien ulterjuri sabiex jiġu konklużi l-proċeduri penali fil-konfront tiegħu;**

4. **Tiddeċiedi li r-rimedju effettiv li għandu jingħata r-referent għal tali leżjoni għandu jkun jikkonsisti fil-ħlas ta' danni morali li qegħdin jiġu likwidati fis-somma ta' għaxart elef Euro (€10,000), li għandhom jitħallsu lir-referent mir-riferut.**

5. **Tordna li l-atti jerġgħu jintbagħtu lura lill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) sabiex jiġu konklużi l-proċeduri penali fil-konfront tar-referent.**

**Spejjeż marbuta ma' dawn il-proċeduri a karigu tar-riferut Avukat Ġenerali.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**